21982D0621(06)

21.6.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 174/21

# ID-DEĊIŻJONI Nru 5/81 TAL-KUMITAT KONĠUNT ta' l-1 ta' Diċembru 1981 li temenda l-Protokolli 1 u 2

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera iffirmat fi Brussel fit-22 ta' Lulju 1972, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,

Billi l-Komunità, b'konsegwenza ta' l-implimentazzjoni tar-riżultati tan-negozjati multilaterali tal-kummerċ GATT (li saru f'Tokyo), emendat in-nomenklatura ta' l-intestatura tat-Tariffa Doganali Komuni Nri 21.04 u 48.07;

Billi l-Komunità ssostitwiet l-unità tal-kont bl-ECU fl-istrumenti legali tal-Komunità; billi din is-sostituzzjoni taffettwa ukoll l-intestatura tat-Tariffa Doganali Komuni Nri 21.07 u 22.09 li jidhru fit-Tabella I annessa mal-Protokoll 2;

Billi n-nomenklatura tal-prodotti msemmija fil-Ftehim għandhom għalhekk jiġu aġġustati skond l-imsemmija emendi,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. It-tabelli li jinsabu fl-Artikolu 1(1) u (3) tal-Protokoll 1 huma hawnhekk emendati kif ġej:

— fl-intestatura tat-tieni kolonna, is-subintestatura "48.07 D" għandha tiddaħħal wara s-subintestatura "48.07 Ċ".

2. In-nomenklatura ta' l-Anness A li jinsab mal-Protokoll 1 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

| "TDK intestatura Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Il-Kapitolu 48 | (mhux mibdul) |
| 48.01 | (mhux mibdul) |
| 48.03 | (mhux mibdul) |
| 48.07 | (mhux mibdul): |
| | ex Ċ. Karta bliċjata u kartun, miksija bil-kaolin, jew miksija jew imxappa b'materjali ta' plastik artifiċjali, li jiżnu 160 gramma jew aktar kull $m^2$: |
| | — Karta miksija għall-istampar jew għall-kitba |
| | ex D. Oħrajn: |
| | — Karta miksija għall-istampar jew għall-kitba |
| | ex Ċ. Karta bbliċjata u kartun, miksija bil-kaolin, jew miksija jew imxappa b'materjali ta' plastik artifiċjali, li jiżnu 160 gramma jew aktar kull $m^2$: |
| | — Oħrajn, eskluża karta miksija għall-istampar jew għall-kitba |
| | ex D. Oħrajn: |
| | — Oħrajn, eskluża karta miksija għall-istampar jew għall-kitba |
| 48.16 | (mhux mibdul) |
| 48.21 | (mhux mibdul) |
| ex Kapitolu 48 | (mhux mibdul) |
| ex Kapitolu 49 | (mhux mibdul)" |

3. It-Tabella I annessa mal-Protokoll 2 hija hawnhekk emendata kif ġejja:

**"KOMUNITA EKONOMIKA EWROPEA**

| TDK intesatatura Nru | Deskrizzjoni | Dazji bażiċi | Dazju applikabbli fl-1 ta' Lulju 1977 |
|---|---|---|---|
| 15.10 sa 21.02 | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| 21.04 | (mhux mibdul): | | |
| | B. Zlazi bil-bażi ta' kunserva tat-tadam | 18 % | 10 % |
| | Ċ. Oħrajn | | |
| | — li ikun fihom it-tadam | 18 % | 10 % |
| | — oħrajn | 18 % | 6 % |
| 21.05 sa 21.06 | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| 21.07 | (mhux mibdul): | | |
| | A. (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| | B. (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| | Ċ. (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| | D. (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| | E. (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | vc b'massimu ta' 25 EKU kull 100 kg piż nett |
| | Ġ. (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| 22.02 — 22.06 | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) |
| 22.09 | (mhux mibdul): | | |
| | Ċ. Xorb spiritu: | | |
| | V. Oħrajn, f'kontenituri li jesgħu: | | |
| | ex a) Żewġ litri jew anqas: | | |
| | — li ikun fihom il-bajd jew l-isfar tal-bajd jew zokkor (sukrożju jew zokkor invertit | (mhux mibdul) | 1 EKU kull hl % skond il-volum ta' alkoħol + 6 EKU kull hl |
| | ex b) Aktar minn żewġ litri: | | |
| | — li ikun fihom il-bajd jew l-isfar tal-bajd jew zokkor (sukrożju jew zokkor invertit | (mhux mibdul) | 1 EKU kull hl % skond il-volum ta' alkohol |
| 29.04 sa 39.06 | (mhux mibdul) | (mhux mibdul) | (mhux mibdul)" |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1982.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Diċembru 1981.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

P. DUCHATEAU